

Brussell, 13 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9913/16

FISC 98
ECOFIN 559

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) <ul style="list-style-type: none">– Rapport lill-Kunsill– Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2016, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ddiskuta r-rapport mill-Grupp lill-Kunsill.
2. Bħas-soltu, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat mill-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Netherlandiża kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 9912/16 FISC 97 ECOFIN 558);
- jilqa' b'mod partikolari l-qbil dwar il-gwida u n-noti ta' spjegazzjoni dwar id-diskrepanzi ta' stabbilimenti permanenti ibridi li jinvolvu pajjiżi terzi;
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u jistieden lill-Grupp biex ikompli l-ħidma tiegħu skont il-Pakkett ta' Ħidma tal-2015;

- jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli d-djalogu mal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta, kif jinsab fir-rapport;
- jistieden lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-allinjament tar-reġimi tas-sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi mal-approċċ nexus maqbul;
- jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Slovakka".

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 9912/16 FISC 97 ECOFIN 558), flimkien mal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn fuq;
- jissuġġerixxi li huwa japprova t-tnejn li huma bħala punti "A" fl-aġenda tiegħu.

STQARRIJA MINN SPANJA LI GĦANDHA TIDDAĦĦAL FIL-MINUTI TAL-KUNSILL

"Spanja taqbel mal-Grupp fil-konsiderazzjoni ta' parti mir-reġim ta' Ġibiltà bħala dannuż skont il-kriterji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. Barra minn hekk, Spanja ssostni li l-evalwazzjoni li saret mill-Grupp għadha fjakka minħabba li kwistjonijiet importanti ta' dan ir-reġim – speċjalment dawk relatati ma' nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni dwar it-taxxa – ma kienux f'din il-ħidma, li llimita b'mod sinifikanti l-analiżi magħmula. Ġibiltà ma pprovdietx l-informazzjoni fuq kemm mill-aktar minn għaxart elef kumpaniji holding bl-assi tagħha huma proprjetà ta' residenti mhux minn Ġibiltà, lanqas fuq id-dħul derivat minn dawn il-kumpaniji u lanqas is-sors tiegħu; għalhekk ma kienx possibbli li jiġi determinat jekk dan ir-reġim kienx qed jiffavorixxi b'mod speċjali lil dawn il-persuni li jħallsu t-taxxa.

Definittivament, il-modifiki selettivi introdotti f'dan ir-reġim huma insinifikanti, filwaqt li fl-opinjoni ta' Spanja l-kwistjonijiet dannużi ewlenin li jattiraw attivitajiet mhux minn Ġibiltà jibqgħu totalment operattivi, li barra minn hekk jistabbilixxu preċedent negattiv ħafna dwar il-ħidma ta' dan il-Grupp fl-evalwazzjoni ta' reġimi simili tat-taxxa ta' territorji u Stati terzi oħra."